KITBA MAGĦŻULA #1

ŻIEDA MA' SHARE PHILOSOPHY SHARING FOUNDATION

Novembru 2015



Silta mill-

# *Manwal ta' Stqarrijiet*

baltasar

# GRACIÁN

# daħla

Is-silta li għandek hawnhekk ta' Baltasar Gracián hija minn ktieb li fl-oriġinal kien iġib l-isem ta' *Oráculo Manual y Arte de Prudencia* (Manwal ta' Stqarrijiet u l-Arti tal-Prudenza). Il-ktieb kollu fih ġabra ta' tliet mitt silta mill-kitbiet ewlenin ta' Gracián imxandra bejn l-1637 u l-1646. Minn dawn, hawnhekk għandek l-ewwel għoxrin biss.

L-*Oráculo* ġie mxandar għall-ewwel darba fl-1646 minn Don Vincenzio Juan de Lastanosa, li kien ukoll dak li ġabar u għażel is-siltiet, u li tahom l-isem li bih ħarġet il-ġabra. Dan kien għaxar snin qabel ma miet Gracián u s-suċċess pubbliku li kellha l-ġabra kienet waħda tal-għaġeb.

Fost il-kitbiet kollha ta' Gracián, naturalment kollha ta' stoffa superjuri, dan l-*Oráculo* għandu mnejn joqgħod l-aktar biex jagħti l-aqwa xbieha tal-ħsieb u l-personalità qawwija tal-kittieb. Jista' jkun li għalhekk huwa l-aktar wieħed magħruf fost xogħlijietu kollha.

Meta wieħed jibda jaqra s-silta miġbura hawnhekk irid għall-ewwel jidra l-istil ta' Gracián biex jibda jiggusta l-ġmiel ta' kitbietu. Mhux se jkun rari li kull biċċa kitba tkun trid taqraha aktar minn darba biex tifhimha sew. Dan għax Gracián ħafna drabi jikteb telegrafikament f'kemm jista' jkun qosor. Ma jonqosx lanqas mill-logħob bil-kliem u b'tidwiriet tal-espressjoni li għall-ewwel jidhru strambi. Wieħed, iżda, malajr jagħraf l-għerf u d-dehen li Gracián iseħħlu jiġbor f'kull paragrafu ċkejken u konċiż.

Fl-1685, tletin sena wara li dan il-ktieb kien ixxandar l-ewwel darba, kien diġà nqaleb għall-Franċiż. Fost ħarġiet oħra b'ilsna barranin, kien hemm xandiriet bit-Taljan (1679), l-Ingliż (1685), il-Ġermaniż (1687), l-Olandiż (1696), il-Latin (m. 1731), ir-Russu (1760), l-Ungeriż (m. 1770) u l-Pollakk (1802). Il-filosfu magħruf Schopenhauer kien għamel traduzzjoni klassika tal-*Oráculo* fl-1832, imma qatt ma sab 'il min jippubblikahulu. Schopenhauer miet fl-1860 u t-traduzzjoni tiegħu, imsejħa *Hand-Orakel und Kunst Der Weltklugheit*, dehret sentejn wara.

Din hi l-ewwel darba li l-*Oráculo* ta' Gracián, jew biċċa minnu, qiegħed jinġieb bl-ilsien Malti, magħmula mill-oriġinal Spanjol. L-edizzjoni Spanjola wżata għat-traduzzjoni hija dik imxandra fil-*Biblioteca de Autores Españoles*, Tomo LXV, Madrid, Librería de los Sucesores de Hernando, 1922, *Obras Escogidas de Filósofos*, 570-599. F'din l-edizzjoni Spanjola il-paragrafi m'humiex innumerati. Infatti, l-għadd tal-paragrafi ma kienx parti mill-oriġinal. Żdied fl-edizzjonijiet Franiċiżi, u hekk baqa' jsir 'il quddiem. F'din l-edizzjoni Maltija wkoll deher li, għas-siwi tal-qarrej, ikun aħjar jekk l-għadd tal-paragrafi jinżamm.

Kif wieħed jista' jinnota minnufih, il-kitba ta' Gracián hija fil-linja tal-filosofija morali. L-istil huwa dak imsejjaħ *Conceptismo* (Kunċettiżmu), li kien moviment letterarju tal-perjodu Barokk Portugiż u Spanjol tas-seklu 16 u 17. Dan l-istil huwa kkaratterizzat minn ritmu mgħaġġel, diskors dirett, vokabularju sempliċi, metafori intelliġenti u logħob bil-kliem. ▪

# MANWAL TA' STQARRIJIET

BALTASAR GRACIÁN

**1. Kollox għandu ħinu u waqtu.** L-aqwa żmien hu dak li fih tkun persuna. Trid aktar xogħol illum biex tagħmel għaref wieħed milli sebgħa dari. Fi żminijietna trid aktar xogħol biex tara kif se ġġib ruħek ma' bniedem wieħed milli ma' ġens sħiħ fl-imgħoddi.

**2. Il-moħħ u l-kreattività.** Huma ż-żewġ sisien ta' sbuħit ħidmietna. Wieħed ma jgħaddix mingħajr l-oħra: jaqsmu l-ferħ bejniethom. Il-moħħ waħdu mhuwiex biżżejjed; jeħtieġ il-kreattività. Imrar l-iblah huwa li ma jagħrafx x'inhu mitlub minnu fil-pajjiż, fuq ix-xogħol, fost in-nies u ma' qrabatu.

**3. Kulma tagħmel ħallih imdendel.** L-istagħġib b'dak li hu ġdid jagħti s-siwi 'l dak li hu lest. Li tilgħab bil-karti mikxufa ma jiswa għal xejn. Lanqas ma hu xieraq. Meta ma tgħidx x'imiss tagħmel, toħloq stennija. Jekk xogħolok għandu fuqu għajnejn kulħadd, aktar għandek tkebbeb kollox b'misteru. Bis-satra tiegħu, rispett aktar taqla'. Agħmel ħiltek biex ma tikxifx dak li ħaddieħor għandu mnejn ikun qed jobsor, l-istess bħalma lanqas m'għandek tħalli kif ġieb u laħaq 'il kulħadd jagħraf x'hemm ġo fik. Is-skiet li jagħti x'jifhem huwa l-kenn ta' min għandu moħħu floku. Qatt ma ngħatat ġieh il-fehma ta' min stqarrha u ħariġha għat-tmaqdir bil-quddiem. Jekk qatt ikollha tfalli, iġġib fuqha darbtejn imrar. Għalhekk, imxi fuq l-għemil qaddis sabiex jibqgħu jagħtuk widen u jishru miegħek.

**4. L-għerf u l-qlubija.** Flimkien jagħmlu ħwejjeġ kbar. Bħalma huma ma jmutux, hekk jagħmlu lil min għandu lilhom. Daqskemm taf, daqshekk int. L-għaref għal kollox jista'. Il-bniedem li ma jaf xejn hu dinja fid-dlam. It-tagħlim u l-qlubija bħall-għajnejn u l-idejn. Mingħajr il-qlubija, hu ħawli l-għerf.

**5. Ġib lil ħaddieħor taħtek.** L-alla falz ma joħolqux min jindurah, imma min jadurah. L-għaref jixtieq aktar 'il min ikun irid minnu milli 'l min

TRADUZZJONI MILL-ORIĠINAL BL-ISPANJOL

jirringrazzjah. Tinsteraqlek it-tama nobbli tiegħek jekk tafda fil-ringrazzjament tal-popolin. Daqskemm il-popolin jinsa' malajr ir-ringrazzjament tiegħu, daqshekk ieħor tibqa' titfakkar in-nobbiltà tiegħek. Aktar ikollok qliegħ jekk iġġib 'il ħaddieħor taħtek milli jekk timxi bin-nobbiltà. Fis jagħti dahru lill-għajn dak li jkun qata' l-għatx tiegħu; u taqa' l-larinġa magħsura mill-platt tad-deheb għat-tajn. Min taħtek ma jibqax, lanqas x'jaqsam miegħek ma jkun irid. Ma' dan, daqshekk rispett iġiblek. Mela ħalli tkun għalik ta' tagħlima, l-ewlenija mill-esperjenzi: kebbes it-tama f'min jinsab taħtek, imma qatt twettaqhielu għal kollox. B'hekk iżomm lilu nnifsu b'meħtieġ anki sid bis-setgħa. Iżda mbagħad tmurx fil-punt estrem li tagħlaq ħalqek darba għal dejjem, għax iġġieghlu jiżbalja. Lanqas m'għandek tagħmel irreparabbli l-ħsara ta' ħaddieħor għall-qliegħ tiegħek innifsek.

**6. L-irġulija qabel kollox.** Ħadd ma jitwieled hekk. Aħdem għaliha kuljum billi ttejjeb il-personalità tiegħek u dak li int imsejjaħ għalih sakemm tagħmel sħiħ lilek innifsek, u twettaq kull ħila u kull sengħa li għandek. Tagħraf li qed tasal mit-titjib tal-gosti tiegħek, mis-safa tal-kreattività, mill-maturità tal-ġudizzji li tagħmel, u mit-tħaddim tar-rieda tiegħek. Xi wħud qatt ma jaslu għall-irġulija, bħal dejjem ikun jonqoshom xi ħaġa. Oħrajn jaslu tard. Il-bniedem sħiħ, mogħni bi kliem ta' dehen u għaref f'għemilu, jiddaħħal, anzi jingħata merħba, fis-sħubija mill-aqwa ta' dawk li jaħsbu b'moħħhom.

**7. Titfix lil min jiġi fuqek.** Kull rebħa tqajjem l-għira, imma r-rebħa fuq min jiġi fuqek hi jew bluha jew parti mid-destin. Qatt ma nħamel li xi ħadd jiġi fuq ras ħaddieħor, aktar u aktar meta dak li jkun minn fuq ikollu ħafna setgħa. Ma tridx wisq biex ġeneralment tostor il-vantaġġi żgħar tiegħek, l-istess bħalma tista' malajr tostor ġmielek b'xi biċċa ħwejjeġ imkittfa. Ir-riżq it-tajjeb u l-karattru tiegħek, bosta se jkunu jixtiequ li ċċedihomlhom, imma l-intelliġenza tiegħek, ħadd, l-aktar min jikmanda. L-intelliġenza u t-tmexxija jistħajluhom imorru dejjem id f'id, u għalhekk, min imaqdar 'il waħda jkun qed ikasbar lill-oħra. Sidien huma, u jixtiequ jkunu sidien ta' dak kollu li hu l-aqwa. Il-kbar iridu 'l igħinhom, imma qatt jirkeb fuq rashom. Jekk se tagħtihom parir, ara li jkun bħal xi ħaġa li, għax insewha, fakkarthom fiha, u mhux bħal dawl ġdid biex isibu dak li ma setgħux. Dan id-dettall igħallmuhulna l-kwiekeb ħelwa, għax minkejja li huma wlied ix-xemx, u jiddu wkoll, qatt ma jażżardaw jitfuha.

**8. Bniedem li ma jaqax malajr** jiġbor l-aqwa frott tal-ispirtu. Is-superjorità nnifisha li jkollu teħilsu milli jaqa' għad-dehra tal-qoxra ta' affarijiet vulgari u li jgħaddu. Ma jistax ikollok ħakma aqwa milli tiegħek innifsek u tal-affezzjonijiet tiegħek. Tasal li ssir xejn għajr rebħa bla qies tar-rieda ħielsa. Ukoll meta l-passjoni taħkem bniedem, m'għandhiex titħalla tażżarda tmiss il-pożizzjoni li jkollu, aktar u aktar jekk tkun waħda għolja. Din hi l-aħjar triq għan-nuqqas ta' mrar, u l-aqsar waħda għal reputazzjoni tajba.

**9. Giddeb in-nuqqasijiet ta' pajjiżek.** L-ilma jieħu l-għamla, tajba jew ħażina, tal-mogħdijiet li minnhom jgħaddi. Il-bniedem jieħu mill-ambjent ta' fejn jitwieled. Xi wħud għandhom minn arthom aktar minn oħrajn għax ikollhom sehem aqwa mill-ideali tagħha. M'għandek ebda art, ukoll l-aktar imdawla, li taħrab minn xi nuqqas ewlieni, li mbagħad ma jisfruttawx il-ġirien tagħha, jew biex iħarsu lilhom infushom, jew għall-kumdità tagħhom. Hija ħila rebbieħa dik li ssewwi, jew għall-anqas tgiddeb, dawn in-nuqqasijiet ta' artek. Tkun għamilt qliegħ tajjeb ta' wieħed magħżul fost niesu, għax dak li l-anqas tistenna għandu l-akbar ġieħ. Hemm ukoll nuqqasijiet marbuta mal-ġens, mal-qagħda tiegħek, max-xogħol u ma' l-età, li, jekk jiltaqgħu lkoll flimkien fi bniedem wieħed, u dak li jkun ma joqgħodx b'seba' għajnejn fuqhom, joħolqu bhima tal-biżgħa.

**10. Ix-xorti u l-fama.** Ix-xorti tinbidel daqskemm tibqa soda l-fama. L-ewwel waħda għal dil-ħajja, it-tieni għall-oħra. Ix-xorti tiswa kontra l-għira daqskemm tiswa l-fama kontra t-tnessija. Ix-xorti hi mixtieqa u xi kultant tista' tagħtiha daqqa t'id, imma l-fama trid tirbaħha. Ix-xewqa għal isem tajjeb tiġi minn ħajja tajba. Minn dejjem kienet u tibqa' qariba tal-akbar nies u s-sieħba tal-estremi: tal-mostri daqskemm tal-ġenji, ta' dawk imfaħħra daqskemm tal-mibgħuda.

**11. Agħmilha ma' min tista' titgħallem minnu.** Il-ħbiberija għandha tkun skola ta' għarfien, u t-taħdit ma' sħabek, tagħlim għaref. Għandek tfittex li tagħmel mgħallmin minn ħbiebek billi tnisseġ il-ħtieġa tagħhom biex jifhmu mal-pjaċir tat-taħdit. Il-ġid bejn min jiftiehem igħaddi min wieħed għall-ieħor, għax il-foħrija li tinqala' hija l-premju għal dak li jingħad, u t-tagħlim għal li jiġi mismugħ. Ħafna drabi hija għall-qliegħ tagħna nfusna li ninġibdu lejn ħaddieħor, imma hawnhekk il-qliegħ huwa ta' ġieh. Il-bniedem imlebleb għat-tagħlim ifittex dar in-nies ta' kalibru, li huma aktar għamajjar ta' ħwejjeġ kbar milli ta' ħwejjeġ fiergħa. Issib nies magħrufa għal dehenhom. Minbarra li jkunu huma stess, fl-eżempju u l-għemil, xbieha perfetta ta' kull ġieh, tinġabar madwarhom miġemgħa nobbli li tkun tabilħaqq xirka ta' kull dehen siewi u xieraq.

**12. Il-kapaċità naturali u l-ħsieb**; il-ħila u s-sengħa. Ma hemm ebda ġmiel mhux mgħejjun. Lanqas ma hemm sbuħija li ma tistax tikrih, sakemm ma titħaddimx bis-sengħa. B'hekk jinfeda l-ħażin, u t-tajjeb jissebbaħ. Ħafna drabi għandna tkun il-kapaċità naturali, iżda aħna rridu nsalvawha bil-ħsieb. Mingħajr il-ħsieb titfaqqar l-aqwa kapaċità. Jonqsu nofs il-ġmiel min jonqsu l-edukazzjoni. Kull bniedem hu mħarbat jekk magħmul bl-addoċċ, u jeħtieġlu jissebbaħ f'kull sura ta' ġmiel.

**13. Agħmel li għandek f'moħħok.** Mat-tieni jekk mhux mill-ewwel. Il-ħajja tal-bniedem taqtiegħa mal-qerq tal-bnedmin. Jitqabad id-dehen ma' ħażen il-moħħ. Tabilħaqq, moħħ il-ħażin qatt ma jwettaq dak li juri li għandu fi ħsiebu, ħalli jħawwad. Bis-sengħa fil-beraħ jagħti bħal ħjiel, imma fis-satra jagħmel li

għandu jagħmel, ħsiebu biss kif se jqarraq. Juri x'se jkun bi ħsiebu jagħmel sabiex ikun żgur li ħarset ħaddieħor taqa' minn fuqu. Imbagħad idur għalih u jirbaħlu bla ma biss iħallih jintebaħ. Imma l-għerf li jara sal-qiegħ joqgħodlu b'seba' għajnejn u jissajjalu mill-moħba. Huwa jifhem dejjem il-maqlub ta' dak li riedu jifhem, u jasal jagħraf kull għamla ta' nasba. Iħalli l-ewwel ħjiel għaddej, jistenna għat-tieni, u wkoll għat-tielet. Jitkabbar il-qerq meta jara tfalli n-nasba tiegħu, u jibda jrid iqarraq bis-sewwa nnifisha. Jibdel il-logħba biex jibdel in-nasba, u jġib dak li qerq m'għandux bħallikieku kien qerq, u hekk l-agħar ħażen tiegħu jxiddlu s-sura tal-akbar tjieba. Imma l-għassa fuqu tagħraf x'għandu f'moħħu, u ssib id-dlamijiet imkebba bid-dawl. Hija tikxef il-ħsieb moħbi, makakk daqskemm sempliċi fid-deher. L-istess xorti messet lis-satra ta' Pitún meta ltaqgħet mal-bjuda tar-raġġi niffieda ta' Apollu.

14. Is-sura u l-għamla. Mhijiex biżżejjed is-sustanza, teħtieġ ukoll iċ-ċirkustanza. Tgħarraq kollox għamla ħażina, sal-ġustizzja u r-raġuni. Meta l-għamla tkun tajba, kollox tagħmel tajjeb; iddieheb il-le, ittejjeb l-veritá u ssebbaħ ix-xjuħija. Il-kif għandu sehem kbir mill-affarijiet; u min għandu l-ħabta, jirbaħ il-logħob. Attitudni xierqa hija l-festa tal-għajxien; tal-għaġeb kif iġġib kollox għal tmiem tajjeb.

**15. Żomm nies kreattivi madwarek.** Biex jgħinuk. Il-hena tas-setgħana jiġi mill-kumpanija ta' nies qlubin fil-ħsieb, li jeħilsuhom minn kull saram tal-injuranti, li jaħtfuhom mill-hemm tal-inkwiet. Ġieh kbir li tiġi moqdi mill-għorrief, u ferm aħjar mid-drawwa kerha ta' Tigrani, hu li għamel slaten maqbuda l-qaddejja tiegħu. Stil ġdid ta' ħakma f'dak li hu l-aqwa fil-ħajja: li b'arti tagħmel qaddejja tiegħek lil dawk li l-ħolqien għamilhom aqwa minnek. Hemm ħafna x'titgħallem u qasir hu ż-żmien, u ma jgħixx min m'għandux tagħlim. Hija, għalhekk, ħila tal-għaġeb li tistudja mingħajr sforz, u tikseb wisq mill-ħafna jekk titgħallem minn kulħadd. U meta kulħadd ikun miġbur, raġel bħal dan jitkellem għall-ħafna, u minn fommu jitħaddtu daqstant għorrief daqskemm għallmuh, biex jieħu għalih innifsu l-isem ta' għaref b'għaraq ħaddieħor. Nies hekk l-ewwel jagħżlu t-tagħlim li jridu, imbagħad iqassmu s-sugu pur tal-għerf lil ħaddieħor. Imma min ma jistax iżomm l-għerf fil-qadi tiegħu, ifittex għall-anqas li jkun familjari miegħu.

**16. Tagħlim b'rieda tajba.** Dawn iġibu r-riżq f'dak kollu li jsir. Tnisslet dejjem vjolenza qerrieda meta t-tagħlim tajjeb iżżewweġ mar-rieda ħażina. Intenzjoni ħażina hija l-velenu ta' kull ħila, u meta l-għerf jgħinha, taf tgħarraq bi qrusa akbar. O, xi sbuħija kerha hija dik li tfittex li teqred! Xjenza mingħajr kuxjenza hija ġenn doppju.

**17. Tagħmel xejn bl-istess mod.** Biddel, ħalli l-attenzjoni ma tkunx tista' tiffissa fik, aktar u aktar ta' min irid jikkompeti miegħek. Mhux dejjem jaqbillek tagħmel l-affarijiet b'mod dirett, għax inkella jaqbdu x'għandek f'moħħok, jippreċeduk, u jisfrattawlek li tkun qed tagħmel. Huwa faċli tolqot għasfur li jtir f'linja dritta. Diffiċċli jekk joqgħod ibiddel. Lanqas ma jaqbillek dejjem tagħmel l-affarijiet b'mod indirett, għax jaqbduk wara t-tieni darba. Il-ħażen joqgħod b'seba' għajnejn. Huwa b'ħafna attenzjoni li jeħtieġ li taħdem biex jirnexxielek tirbaħlu. Ħadd qatt ma jilgħab il-karta li l-ieħor jistenna, wisq anqas li jrid.

**18. Il-ħidma iebsa u l-kapaċità.** Ma jsir xejn kbir mingħajrhom it-tnejn, u bihom, isir ħafna. Aktar jirnexxielha tagħmel il-medjokrità meta għandha l-kapaċità milli s-superjorita' mingħajrha. Trid tistinka ħafna biex tirbaħ isem tajjeb; dak li jiswa ftit, ftit jiswa. Xi wħud ma waslux fl-ewwel postijiet għax naqsu li jaħdmu biżżejjed għalihom; rari kien jonqoshom it-talent. Ikollok raġun biex tbiegħ jekk, flok li tkun medjokri f'pożizzjoni għolja, tagħżel li tkun superjuri f'pożizzjoni baxxa. Imma ma jkollok raġun ta' xejn jekk tikkuntenta ruħek li tkun medjokri fl-aktar pożizzjoni baxxa meta tista' tkun superjuri fl-aktar pożizzjoni għolja. Il-kapaċità naturali u l-arti, għalhekk, huma meħtieġa, imma hija l-ħidma iebsa li tissiġilla kollox.

**19. Tistenniex wisq minn ebda ħaġa.** Hija x-xorti normali ta' dawk kollha li minnhom hu mistenni ħafna li mbagħad ma jwasslux safejn stennewhom jaslu. Il-veru ma jlaħħaq qatt ma' l-immaġinazzjoni, għax hu faċli tistħajjel il-perfett, imma li tilħqu diffiċċli ħafna. Għandha ħabta l-immaġinazzjoni tiżżewweġ max-xewqat; flimkien dejjem joħolqu ħafna aktar minn kif inhuma l-affarijiet fil-verità. Għax kbar kemm huma kbar il-kwalitajiet it-tajba ta' xi ħadd, qatt ma jistgħu jaslu biex jissodisfaw dak li ġie mmaġinat minnu; u daqskemm malajr ikunu tqarrqu dawk li stennewh wisq mingħandu, hekk bl-istess ħeffa jistmerru 'l min ikunu ammiraw. It-tama tgħawweġ il-verità bil-kbir; tikkoreġiha l-intelliġenza, billi tqis it-temma aħjar mix-xewqa. Fost il-prinċipji ta' kull twemmin hemm illi trażżan il-kurżità ħalli ma tgħawwiġx l-oġġett tiegħu. Jiġik aħjar meta ssib li r-realtà hija itjeb minn dak li stennejt u aqwa milli emmint. Din ir-regola ma tapplikax għal mal-ħażin, għax tgħin lilek li tesaġera dwarhom: tieħu r-ruħ meta ssib li tista' toqgħod b'dak li ħsibt li seta' jeqirdek.

**20. Bniedem ta' żmienu.** In-nies tassew rari jiddependu fuq żminijiethom. Mhux kollha sabu żmien li jixirqilhom, u ħafna minnhom, anki jekk sabu żmien li jixirqilhom, m'għamilx użu minnhom sewwa. Xi wħud kien jixirqilhom żmien aħjar, għax mhux kulma hu tajjeb jirbaħ dejjem. Kull ħaġa titqies fi żmienha; saħansitra l-aqwa kwalitajiet għandhom il-moda tagħhom. Imma l-għaref għandu vantaġġ: m'għandux żmien; jekk dan mhuwiex żmienu, ikunu l-ħafna oħrajn.

min kien

# Gracián

1601-1658

Baltasar Gracián kien filosfu Ġeswita Spanjol. Qabel daħal il-kunvent kien jismu Lorenzo u xandar kitbiet b'dan l-isem biex l-Inkwiżituri ma jaqbdux fih. Twieled f'Asturias, Spanja, għall-ħabta ta' Jannar tal-1601. Kellu 18-il sena meta daħal Ġeswita u tħarreġ fl-arti umani, l-Iskrittura Mqaddsa, it-teoloġija u l-filosofija.

Gracián jitqies bħala l-akbar rappreżentant u teoriku tal-istil letterarju Barokk Spanjol magħruf bħala *Conceptismo* (Kunċettiżmu). Il-kitba tiegħu *Agudeza y Arte de Ingenio* (*Il-Leħħa u l-Ġenju tal-Ħsieb*), antoloġija poetika u retorika, hija eżempju tajjeb ta' dan l-istil.

Gracián kien għalliem u predikatur magħruf u mfittex anki jekk mhux dejjem kien meqjus ortodoss għal kollox. Bosta mill-kitbiet tiegħu, bħal *El Héroe* (*L-Eroj*), *El Político* (*Il-Politiku*) u *El Discreto* (*Id-Diskret*), huma xogħlijiet ta' filosofija morali.

Gracián xandar l-ewwel parti tal-opra maġġuri tiegħu *El Criticón* (*Il-Kritiku*) mingħajr il-permess tas-superjuri tiegħu. Minkejja t-twissijiet tagħhom, xorta xandar it-tieni parti tal-opra. Ta' dan ġie eżiljat f'post imwarrab. Għalkemm wara ġie rriabilitat, saħħtu marret lura malajr u miet f'Diċembru tal-1658, xahar qabel ma kien għalaq it-58 sena.

www.philosophysharing.org

philosophysharing malta